**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 245/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Gianluca Davide Argentino**
**(ID 536293M))**

**Illum, 29 ta' April 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gianluca Davide Argentino ta' 20 sena, iben Filippo Argentino u Yvette Amelia nee` Bray, imwieled il-Pieta` nhar it-3 ta' Dicembru 1993, residenti fil-fond 45, Valhalla, Triq il-Foss, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 536293(M);

Akkuzat talli fid-19 ta' Marzu 2014 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, f'San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1) Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Saq vettura JBB 693 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan huwa kaz ta' traffikar *by sharing*. L-istess sostniet id-difiza fit-trattazzjoni finali taghha. Dwar dan mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta car illi dan fil-fatt kien kaz ta' traffikar *by sharing* u dan fis-sens illi l-imputat kien gieli jpejjep il-*cannabis* wahdu u gieli ma' shabu u meta kien jaghmel dan, kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kien jaghmel *joint* ghalih u jaqsmu ma' shabu. Ghaldaqstant, fil-waqt illi l-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, tqis ukoll illi f'dan il-kaz ghandu japplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tan-natura tas-sustanza in kwistjoni, kif ukoll illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta u jidher illi ghandu hajja stabbli.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liema artikolu l-procediment ghar-reat kontemplat f'din l-imputazzjoni jista' jsir –

“*(a) fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*

*(b) fi zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,*

*skond liema minnhom ikun l-itwal*”.

F’dan il-kaz, mill-provi mressqa jirrizulta illi r-reat sehh dakinhar stess illi l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija u cioe` fid-19 ta’ Marzu 2014 u fl-istess jum illi l-pulizija saret taf bir-reat, mentri c-citazzjoni odjerna giet mahruga u pprezentatha mill-pulizija fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Settembru 2015. Ghaldaqstant, jirrizulta car illi din l-imputazzjoni hija preskritta kemm ai termini tal-paragrafu (a) fuq citat, kif ukoll ai termini tal-paragrafu (b).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 u tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum u in oltre qeghda tikkundannah ghal piena ta’ multa ta’ erba’ mija u sebghin (€470) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas mill-hati b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tiddikjara l-azzjoni preskritta u ghaldaqstant tillibera lill-imputat minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kundizzjonata u in oltre illi l-beneficcju moghti lilu ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta japplika darba biss.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti bhala Dok. GM2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-

Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat